Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 395/2013

**Franco Mercieca (appellat)**

**Vs**

**Roderick James Agius bhala editur tal-gurnal "il-mument" (appellant)**

30 ta' Gunju, 2017.

1. L-attur harrek lill-konvenut ghad-danni ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) wara li fil-gazzetta Il-Mument fil-15 ta' Dicembru 2013 kien ippubblikat artiklu ***"Franco Mercieca jisfida u jibqa' ghaddej bil-prattika privata"***. L-attur issostni li l-artiklu hu malafamanti.

2. Fit-twegiba l-konvenut argumenta:

   i. L-artiklu m'huwiex libelluz u m'ghandux l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent.
   ii. L-artiklu fih biss fatt verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet f'interess pubbliku dwar persuna pubblika u jikkonsistu fair comment.

3. B'sentenza tal-24 ta' Novembru, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).

4. L-aggravji tal-konvenut huma:

   i. Is-sentenza hi bazata fuq konsiderazzjonijiet skorretti u rrilevanti ghaliex l-artikolu hu bazat fuq ammissjoni tal-attur stess li kompla jezercita l-prattika privata tieghu wara li sar Segretarju Parlamentari.
   ii. L-ewwel qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni numru ta' fatturi rilevanti.
   iii. Il-fatti rilevanti li huwa baqa' jipprattika wara l-hatra bhala Segretarju Parlamentari, qatt ma gew michuda.
   iv. Kull persuna ragonevoli kienet tikkonkludi li jekk is-servizzi prestati mill-appellat baqghu jigu reklamati wara l-hatra pubblika, kif ukoll jekk qatt ma cahad li huwa kompla jezercita l-professjoni tieghu anke privatament wara l-hatra tieghu, il-konkluzjoni logika ghandha tkun li dak ir-reklam baqa' wiehed validu.

v. L-ewwel qorti rrikonoxxiet il-volum kbir ta' materjal li gie ppubblikat dwar kwistjoni li hi fl-interess pubbliku u li wassal ghar-rizenzja tas-Segretarju Parlamentari.

vi. L-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel qorti ma jirriflettix il-fatti li kien hemm nuqqas da parti tal-attur.

5. L-attur wiegeb li l-appell ghandu jigi michud.

6. **<u>Fatti.</u>**

i. Fil-15 ta' Dicembru 2013, fil-gazzetta il-mument, kien pubblikat artiklu *"Franco Mercieca jisfida u jibqa' ghaddej bil-prattika privata"*.

ii. Fiz-zmien in kwistjoni l-attur kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabbilta u Anzjanita Attiva.

iii. Fl-artiklu nkiteb *in bold*: *"Is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca jikser il-weghda u jibqa' jisfida l-kelma li ta l-Prim'Ministru Joseph Muscat billi jibqa' jirreklma l-prattika privata. Ir-ritratt mehud fl-ahhar gimgha ta' Novembru li ghadda, sa tmiem din il-gimgha kien ghadu juri li fi spizerija private f'Ghawdex Franco Mearcieca ghadu qed jirreklama biex jara l-pazjenti fil-privat bi ksur tal-Kodici tal-Etika"* u li, *"Is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca ghadu qieghed jirreklama s-servizzi professjonali tieghu fil-privat bi ksur tal-ftehim li ghandu mal-Prim Ministru Joseph Muscat u bi ksur tal-Kodici tal-Etika tal-Ministri"*.

iv. Jirrizulta li mal-faccata ta' Joseph's Dispensing Opticians, Main Street, Ghawdex, kien hemm plakka li fuqha kien hemm stampat isem l-attur flimkien ma' ismijiet ta' tobba ohra. Fl-artiklu nghad: *"L-avviz jikkonferma kif fost il-professjonisti li jaccettaw appuntamenti f'din l-ispizerija fir-Rabat, Ghawdex hemm is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca. It-tabella tindika b'mod car li fost dawk li qeghdin jaghtu s-servizz taghhom ghall-kura tal-ghajnejn hemm "il-konsulent tal-oftalmologija Mr.Franco Mercieca"*.

v. L-artiklu tant inghata prominenza li gie stampat fl-ewwel faccata tal-gazzetta u fuqhom hemm il-kelma **"ESKLUSSIVA"**.

vi. Jirrizulta li fit-3 ta' April, 2013 il-Prim'Ministru gharraf lill-attur bil-kitba li ghalkemm il-Kodici ta' Etika kien jipprovdi li Ministri u Segretarji Parlamentari m'ghandhomx ikomplu bix-xoghol privat taghhom, fil-kaz tal-attur awtorizzah sabiex ikompli jipprattika *"ghal dawk il-kazi fejn in-nuqqas tieghek ikun ta' detriment ghall-pazjent u b'rwol li ma jfixkilx il-hidma tieghek ta' Segretarju Parlamentari"*.

vii. Wara diversi artikli pubblikati fil-gazzetti, l-attur kien iddecieda li ma jkomplix jara pazjenti fil-privat.

**Konsiderazzjoni.**

7. Minn qari tal-artiklu l-messagg li ried jaghti l-awtur hu li l-attur kien ghadu qieghed jipprattika l-professjoni privata ta' oftalmologu minkejja li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari.

8. Mill-provi rrizulta li bl-iktar mod car li fl-artiklu gew rapportati fatti li m'humiex minnhom. F'dan ir-rigward:

   i. Joseph Grech, li hu s-sid ta' Joseph Dispensing Opticians, xehed:

   > *"….. ghandi ufficcju ta' optician li jismu Joseph Dispensing Opticians u qieghed f'Main Street, ir-Rabat, Ghawdex taht Putirjal. Huwa hanut Optician bhala hanut. U hemm hekk jiena kemm naghti servizzi ta' bejgh ta' nuccalijiet u kif ukoll isiru l-visti lill-klijenti mal-opticians. L-Onorevoli Mearcieca ilu jpoggi bhala specjalista tal-ghajnejn ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Waqaf madwar gimghatejn qabel l-elezzjoni, u minn dakinhar tal-elezzjoni sad-data tal-lum huwa qatt ma rega' gie hemm hekk sabiex jaghti s-servizz tieghu".*

   Ix-xhud kompla jikkonferma li t-tabella, fejn fost'ismijiet ta' tobba jidher dak tal-attur, kienet saret minnu u l-attur ma kellux x'jaqsam meta twahhlet mal-faccata tal-fond; *"Ir-reklamar ghamiltu jien u ebda specjalist ma qatt ikkontribwixxa jew involva ruhu fir-reklamar innifsu. Dik hija haga tieghi u tax-xoghol tieghi"*. Kienet decizjoni personali tieghu li ma jibdilx l-avviz wara li l-attur kien waqaf jara nies f'dak il-fond.

   ii. L-ittra tal-Prim'Ministru hi cara u ma thalli l-ebda dubju li l-attur kien awtorizzat li jkompli jipprattika l-professjoni tieghu f'certu kazijiet, diment li dak ix-xoghol ma jfixkilx il-hidma tieghu ta' Segretarju Parlamentari. Fl-artiklu jinghad li l-attur kien qieghed *'jisfida l-kelma li ta lill-Prim'Ministru Joseph Muscat'*, meta dan mhuwiex veru. L-attur kellu l-awtorizazzjoni tal-Prim'Ministru sabiex ikompli bix-xoghol tieghu ta' oftalmologu, minghajr distinzjoni jekk hux fl-isptar Mater Dei jew fil-privat, ghal dawk il-kazijiet *"fejn in-nuqqas tieghek ikun ta' detriment ghall-pazjent"*. Kliem li fil-fehma tal-qorti hu wiesa'. Mela wkoll kieku l-attur baqa' jattendi fil-klinika in kwistjoni, haga li m'ghamilx, ma kien ikun qieghed jaghmel xejn hazin diment li jibqa' fil-parametri tad-direttiva tal-Prim'Ministru. Jidher pero' li minhabba l-bumbardament li kien hemm f'sezzjoni tal-media lokali, f'Gunju 2013 l-attur iddecieda li minn Settembru 2013 iwaqqaf il-prattika privata u gharraf lill-Prim'Ministru bid-decizjoni.

9. Il-konvenut ghamel l-argument li ntbaghtu domandi lill-attur li baqa' ma wegibx. Fl-artiklu hemm sensiela ta' domandi taht it-titlu: *"MISTOQSIJIET LI*

*FRANCO MERCIECA QIEGHED JAHRAB LI JWIEGEB"*. Madankollu m'hemmx prova li dawn id-domandi ntbaghtu lill-attur. Fil-fatt il-konvenut lanqas biss ma xehed. Mistoqsi dwar dan waqt il-kontro-ezami, l-attur xehed:

> *"[.....] nghid illi dak iz-zminijiet jiena kont qed nircievi hafna mistoqsijiet minghand hafna nies differenti, u allura ma nistax la niched u lanqas nikkonferma"*.

F'kull kaz, jekk intbaghtu mistoqsijiet u l-attur ma wegibx ghad-domandi *"Fejn ghadek taqdi n-nies bhala tabib ?"* u *"U kull meta ?"*, ma jfissirx li kien baqa' jara l-pazjenti. Il-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jipprezumi li t-twegiba kienet iva ghaz-zewg domandi. Jekk ghamel hekk dik kienet presunzjoni gratuwita u m'ghandhux jedd jiehu vantagg minnha.

10. Is-serjeta kienet titlob iktar investigazzjoni u mhux semplicement li wiehed jasal ghal konkluzjonijiet minn semplici tabella imwahhla mal-faccata ta' spizerija, li m'hijiex tal-attur. Qalet sew l-ewwel qorti:

> *"kieku l-artikolist tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna ghamel l-istharrig kollu necessarju u vverifika direttament ma' sid l-ispizerija, huwa kien ikun ben a korrent illi, a differenza ta' dak illi huwa allega fl-artikolu tieghu, r-rikorrent ma kien bl-ebda mod responsabbli ghat-tabella li abbazi taghha l-artikolist bena l-istorja kollha, u illi r-rikorrent ma kienx qieghed jippresta s-servizzi tieghu gewwa tali spizerija"*.

11. Il-qorti tirrileva wkoll li fl-artiklu saru insinwazzjonijiet ta' fatti li zgur mhumiex kummenti, cjoe li l-attur qieghed:

i. Jirreklama li ghadu jipprattika l-professjoni tieghu gewwa clinic privat f'Ghawdex. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li l-attur ma kellu x'jaqsam xejn mat-tabella mwahhla mal-faccata tal-clinic. Dan apparti li pjuttost minn reklam ghall-ispecjalist, tabella mwahhla mal-faccata ta' spizerija hi iktar reklam ghall-ispizerija. Iktar ma jkun hemm ismijiet ta' specjalisti mat-tabella iktar tkun popolari l-ispizerija. Li hu zgur hu li specjalisti bhall-attur, li n-numru taghhom f'Malta hu limitat, m'ghandhom bzonn ta' ebda reklam ghaliex il-pubbliku jaf bihom u ser isibhom irrispettivament jekk isimhom huwiex stampat fuq tabella jew le.
ii. Jisfida l-kelma li ta lill-Prim'Ministru;
iii. Ghadu jipprattika l-professjoni ta' oftalmologu gewwa *clinic privat* f'Ghawdex. Fil-fatt it-titlu tal-artiklu stess jaqra: *"Franco Mercieca jisfida u **jibqa' ghaddej bil-prattika privata"***.

Fatti li rrizultaw li huma foloz u li ghalhekk zgur li l-konvenut ma jista' qatt jirnexxi fid-difiza tieghu ta' *fair comment*, li trid tkun bazata fuq fatti li huma

sostanzjalment veri. L-allegazzjoni li l-attur kien ghadu *'ghaddej bil-prattika privata'* m'hijiex *fair comment* jew *value judgment* izda *statement of fact*.

12. Il-prova li l-fatt allegat kien minnu, kellha ssir mill-konvenut. Prova li baqghet ma saritx. L-unika prova li ressaq il-konvenut hu isem l-attur fuq tabella ta' spizerija li hi ta' terza persuna. Gurnalist serju li jrid jizvela affarijiet ta' interess pubbliku b'mod onest u genwin, mhu qatt gustifikat li jwaddabb it-tajn biex johloq storja. Gurnalist tal-affari tieghu jirricerka. Jekk f'dan il-kaz it-tabella nislitlu suspett li l-attur seta' kien ghadu qieghed jipprattika l-professjoni minn gewwa dik il-clinic, il-gurnalizmu nvestigattiv u serju kien jitlob li jaghmel verifiki li facilment setghu saru mas-sid tal-clinic.[1] Madankollu l-gazzetti tal-partiti politici ghandhom agenda politika. Dan iwassal sabiex hafna drabi l-prijorita tkun li jxandru ahbar diment li tkun tattakka lill-avversarju u mbaghad jaraw wara x'konsegwenzi tista' twassal ghalihom dik il-pubblikazzjoni. Pero dan it-tip ta' gurnalizmu tad-dilettanti jista' jappella biss lill-fanatiku u mhux ser isib protezzjoni minghand din il-qorti.

13. Hu minnu wkoll li mill-provi rrizulta li kien hemm ftit granet matul ix-xhur ta' Mejju, April u Gunju 2013 li l-attur kien ra xi pazjenti fi *clinic* ohra, Mario Dispensary Opticians, Triq il-Putirjal, Victoria, Ghawdex. Pero' rrizulta li dawn kienu pazjenti li kienu diga' gew operati mill-attur (ara deposizzjoni ta' Ranier Farrugia), u inoltre n-nies li kien jara kienu minghajr hlas. Dan apparti li matul dak iz-zmien kien hemm l-awtorizazzjoni tal-Prim'Ministru sabiex l-attur ikompli jaqdi dmirijiet fil-professjoni tieghu.

14. Il-qorti zzid li dak li seta kien qieghed jigri xhur qabel il-pubblikazzjoni, mhuwiex rilevanti ghaliex l-artikolu kien qieghed jirreferi ghal dak li suppost kien qieghed jigri fiz-zmien tal-pubblikazzjoni.

15. Hu fatt li l-attur kien fl-arena politika, fejn allura l-parametri tal-limiti ta' kritika huma wesghin. Pero' dan m'huwiex intiz sabiex jipprotegi gurnalist li hu *trigger happy* u jiddikjara fatti li ma jippruvax u anzi wara jirrizulta li m'humiex minnhom.

16. Ghal dawk li huma danni, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tvarja l-ammont iffissat mill-ewwel qorti, li f'dan ir-rigward ghandha diskrezzjoni. Hu veru li l-attur kien politiku u persuna li jokkupa kariga pubblika, pero' min-naha l-ohra fl-artikolu l-attur gie akkuzat bi ksur tal-kodici ta' etika u li sahansitra kien qieghed jisfida lill-Prim'Ministru billi kompla jezercita l-professjoni. M'huwiex sew li r-reputazzjoni ta' persuna tigi attakkata minghajr ebda bazi ghal semplici skop politiku tal-gazzetta li tippublika l-

---

[1] Joseph Grech xehed: *"Mistoqsi jekk xi hadd mill-gazzetta il-mument ikkomunikax mieghi qabel ma harget din l-istorja biex jinvestigaw jekk kien qed joffri s-servizz tieghu jew le, nghid illi le hadd ma cempilli, ghax kieku cempluli kont nispjegalhom mill-ewwel illi ma kienx qed joffri servizz hemm hekk"* (fol. 18).

artikolu malafamanti. Dan apparti li l-konvenut baqa' jzomm l-istess posizzjoni li kellu fiz-zmien li gie ppubblikat l-artikolu. L-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-attur ma gewx ippruvati u minn dak li rrizulta mill-provi il-mizura li tat l-ewwel qorti kienet gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.